**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Mohamad Abdallah Yehia**
**Mutwkil Abdo**
**Abdulhamid Anwar Idriss**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Mohamad Abdallah Yehia,** imwieled is-Sudan nhar il-01/08/2000, ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Abdullah Yahyah u Hawa Ishah u detentur ta' numru tal-Pulizija 20A-220, u residenti Hal-Far Tent Village;

**Mutwkil Abdo,** imwieled Sudan 26/07/1999, ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Abdo u Hasna u detentur ta' numru tal-Pulizija 20A-124 u residenti Hal Far Open Centre; u

**AbdulHamid Anwar Idriss,** imwieled Sudan 01/01/2002, ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Anwar u Aziza u detentur ta' numru tal-Pulizija 20H-053 u residenti Hal Far Tent Village.

Akkuzati talli f'l-15 t' Mejju 2021 ghall-habta ta' 06:30hrs gewwa t-Terminal tal-vapuri, Rahal Gdid, bħala persuni illi mbarkaw jew żbarkaw, minn jew ġo Malta naqsu illi jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif

l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ (Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta);

U talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-moħbi mbarkaw u bahhru ma’ bastiment, jew ippruvaw bil-moħbi jimbarkaw biex ibahhru ma’ bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta’ uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta’ xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta);

U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta’ port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul jew hrug mahsuba ghal hekk u waqt li kienu f’dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-kaz u l-kundizzjonijiet ta’ kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità (Sec. 55, SL.499.01 tal-Ligijiet ta’ Malta);

U talli fl-istess data, lok u ciskostanzi, dahlu jew baqghu f’zona ta’ sigurta portwali minghajr ma kienu awtorizzati mill-awtorità nominata jew mill-operatur tal-facilità portwali (S.L. 499.35 art 41);

U talli fl-istess data, lok u ciskostanzi, kisru xi dispozizzjoni li dwarha mhux stabbilit reat that xi artikolu iehor tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ai termini tal-Artikolu 32(1) (g).

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta’ kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 55 ta’ l-Avviz Legali 43 tas-sena 1996, u r-Regolament 41 ta’l-Avviz Legali 484 tas-sena 2004, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom erbgha (4) xhur prigunerija u multa ta’ hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**